TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

Fl-atti tat-Talba CCT 99/23/F

**Fabian Farrugia**

**vs**

**Pinkish Line Wedding Services Ltd (C-64739)**

Illum, 1 ta' Lulju 2024

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-15 ta' Ġunju 2023;

Ra li l-azjenda intimata ġiet debitament notifikata bil-proċedura tal-publikazzjoni u affissjoni iżda minkejja dan, naqset milli tippreżenta Risposta;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati;

Ra li l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma attenda għas-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024;

Ra r-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01);

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tiegħu, ir-rikorrent qed jitlob is-segwenti:

- Li jiġi rifuż is-somma ta' **elf, ħames mija u tenjn u disgħin Euro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€1,592.29)** li ħallas lill-azjenda intimata bħala parti minn prezz akbar għal servizzi ta' fotografija u vidjo fit-tieġ tiegħu fl-10 ta' Lulju 2021;

- Li jingħata "permess" sabiex jikseb ir-ritratti u l-vidjo tat-tieġ tiegħu mingħand Bjorn Briffa u Edmond Bonnici li huma sub-appaltaturi tal-azjenda intimata li attwalment ħadmu x-xogħol tat-tieġ tar-rikorrent;

- Li jiġi kkumpensat tal-ħin moħli bi ħtija tal-azjenda intimata.

Illi r-Rikorrent ikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament u spjega li minkejja li kien ħallas kollox dovut sa dak il-punt lill-azjenda intimata, din baqgħet qatt għaddietlu r-ritratti u l-vidjo tat-tieġ tiegħu li kien sar fl-10 ta' Lulju 2021. Jilmenta ukoll li r-rappreżentant tal-azjenda intimata Conrad Axisa baqa' jgħaddih biż-żmien u saħansitra ġieli jinjorah ukoll. Ir-rikorrent spjega ukoll li għalkemm il-materjal elettroniku qiegħed għand is-sub-appaltaturi Bjorn Briffa u Edmond Bonnici, dawn stqarrew miegħu li huma preklużi milli jgħadduhulu direttament minħabba li "marbutin b'kuntratt" mal-azjenda intimata.

Illi l-azjenda intimata ma ppreżentatx Risposta u l-ebda rappreżentant ma deher għas-seduta tal-24 ta' Ġunju 2024 quddiem it-Tribunal u għalhekk, bl-assenza inġustifikata tagħha għas-seduta, l-azjenda intimata naqset milli tagħti l-verżjoni tal-fatti skontha. Intant, ir-Regolament 12.1 tar-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (L.S. 378.01) jagħti ukoll is-setgħa lit-Tribunal li jiddeċiedi t-Talba kontra l-intimat meta dan jonqos milli jidher għas-seduta mingħajr ġustifikazzjoni;

Illi indipendentament mill-premess, it-Tribunal iqis li r-Rikorrent irnexxielu jipprova l-każ tiegħu skont il-liġi u li dak li qed jitlob jinkwadra sewwa entro d-drittijiet tiegħu bħala Konsumatur;

Illi Tribunal jiddeplora bl-akbar qawwa l-aġir abbużiv u illegali tal-azjenda intimata speċjalment fiċ-ċirkostanza li hawn si tratta ta' servizzi marbuta ma ġrajja tant memorabbli fil-ħajja tal-persuni konċernati. Għalhekk, ser ikun hemm ukoll kundanna għall-ħlas ta' danni morali għad-dwejjaq u inkonvenjenza ikkawżati.

Illi għalhekk, it-Tribunal iqis li din it-Talba timmerita akkoljiment u ser jikkonċedi r-rimedju mitlub mir-Rikorrenti. Sejjer jillikwida ukoll is-somma ta' tlett mitt Euro (€300) bħala danni morali ai termini tal-Artikolu 21(2) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta tenut kont tal-inkonvenjenza ikkawżata minn nuqqas tal-azjenda intimata li tonora l-obbligi tagħha assunti favur ir-rikorrent.

**Deċiżjoni:**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqagħha u konsegwentament jordna lill-azjenda intimata sabiex:**

1. **Tħallas immedjatament lir-Rikorrent is-somma komplessiva ta' elf, tmien mija u tnejn u disgħin Euro u disa' u għoxrin ċenteżmu (€1,892.29);**

2. **Tippermetti lis-sub-appaltaturi Bjorn Briffa u Edmond Bonnici sabiex immedjatament jgħaddu l-materjal fotografiku u vidjografiku relatat mat-tieġ tar-Rikorrent lill-istess Rikorrent. Għall-kompletezza jingħad li l-imsemmija persuni huma minn issa, bis-saħħa ta' din is-sentenza, awtorizzati sabiex jgħaddu l-imsemmi materjal lir-Rikorrent.**

**L-imgħax jgħodd minn din is-sentenza.**

**L-ispejjeż kollha għandhom jitħallsu mill-azjenda intimata.**

**Avv. Mattia Felice LL.B. LL.D.**
***Arbitru***